MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 555/2012

**Sharif Al-Sadiq**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2012 fejn ġie premess:

1. Illi l-attur twieled fis-6 ta' Novembru, 1977. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, bin-numru ta' referenza 3173, isem ir-rikorrent ġie mniżżel 'Sharif' Al-Sadiq minflok Joseph Al-Sadiq, kif fil-fatt huwa magħruf u msejjaħ, u dan kif ser jirriżulta u jiġi ppruvat fil-mori u waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

2. Illi r-rikorrenti jixtieq li fuq l-atti ċivili kollha tiegħu fejn applikabbli, huwa jkun reġistrat bl-isem

‘Joseph’ u mhux ‘Sharif’, u dan għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

3. Illi għalhekk jeħtieġ illi ssir id-debita korrezzjoni fl-atti ċivili tar-rikorrenti fejn applikabbli;

Għalhekk jgħid il-konvenut għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi isem ir-rikorrenti huwa ‘Joseph’ u mhux ‘Sharif’ kif hemm imniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu numru ta’ iskrizzjoni 3173, u fl-atti ċivili sussegwenti;

2. Konsegwentament tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti l-isem tiegħu ‘Sharif’ biex jiġi sostitwit bl-isem ‘Joseph’ u f’kull att ieħor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjeż l-intimat jibqa’ nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-2 ta’ Awissu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f’dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrent huwa magħruf bħala Joseph kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-

Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrent jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajthu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Joseph u mhux Sharif;

4. Illi bla ħsara għal premess, it-tieni parti tat-tieni talba attur hija insostenibbli *in parte*, dan għaliex l-intimat huwa kompitenti biss fir-rigward tal-atti ċivili u mhux l-atti kollha tal-ħajja tal-istat ċivili tar-rikorrenti;

5. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li d-dettalji nseriti fiċ-ċertifikat ġew meħuda miċ-ċertifikat oriġinali rreġistrat ġewwa Al-Zawija, Al-Zahra u liema dettalji fiċ-ċertifikat oriġinali ġew irreġistrati minn omm ir-rikorrent stess, Su'ad Al-Sadiq;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi permezz tal-verbal tal-14 ta' Novembru 2012 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili kif ukoll l-artikolu 92 (2) tal-Kodiċi Ċivili wkoll. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attur minn dejjem kien magħruf bl-isem **Joseph** kif jidher ampjament mill-provi mressqa. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u allura m'għandux ibati spejjeż. Il-Qorti pero' ma tistax tordna korrezzjoni ta' att li ma jiġix indikat fir-rikors promotorju.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi - limitatament għall-Att imsemmi fir-rikors.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur innifsu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------